**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Luke Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretta b'digriet tal-lum stess - migjuba kontra:

Luke Vella ta' 24 sena, bin Brian u Sonia xebba' Falzon, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Dicembru 1995 u residenti 46, Misrah is-Sliem, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita Maltija 0520895(M)

Akkuzat talli:

1. nhar id-dsatax (19) ta' Gunju 2020 u fil-jiem ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Sylvia Perry u lil Tiffany Perry it-tfajla tieghu.

2. nhar id-dsatax(19) ta' Gunju 2020 u fil-jiem ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li kkaguna lil Sylvia Perry u lil Tiffany Perry, t-tfajla tieghu, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom

3. nhar id-dsatax(19) ta' Gunju 2020 ghall-habta ta' bejn is-sebgha u nofs ta' filghaxija (19:30hrs) u l-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) gewwa Misrah Dicembru tlettax, Zejtun u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin ghamel lil Sylvia Perry insulti u theddid mhux msemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni

4. talli nhar id-dstatax(19) ta' Gunju 2020 ghall habta ta' bejn is-sebgha u nofs ta' filghaxija (19:30hrs) u l-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) gewwa Misrah Dicembru tlettax iz-Zejtun u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin volontarjament kiser il-bon-ordni w il-kwiet tal-pubbliku

5. talli fil-lejl ta' bejn id-dstatax(19) u l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2020 gewwa l-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat.

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LLD fid-digriet tieghu tal-5 ta' Jannar 2018 li bih ta il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 500 Euro u garanzija personali ta' 5,000 Euro.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Demicoli LLD fid-digriet taghha tal-29 ta' Frar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 1000 Euro u garanzija personali ta' 4,000 Euro.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. G. Vella LLD fid-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2019 li bih ta il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 1,000 Euro u garanzija personali ta' 5,000 Euro.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni a favur ta’Sylvia u Tiffany Perry ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma’ Luke Vella bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta b’numru ta’ sentenzi li gew definitivvi u li ma jistghux jigu appellati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m’ghandhux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tal-lum, l-avukat difensur ghall-parte civile irrileva illi l-parte civile Tiffany Perry infurmatu illi hija tinsab f' relazzjoni mal-imputat Luke Vella, u li prezentement tinsab tqila u li missier it-tarbija huwa Luke Vella u li ghalhekk ma tixtieqx taghti x-xhieda taghha f' dawn il-proceduri.

Dan kien konfermat bil-gurament minn Tiffany Perry li xehdet li t-tarbija ghandha titwieled fi zmien xahar mil-lum, u li hi u l-imputat xtaqu jirrikonciljaw ghat-twelid tat-tarbija taghhom.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 633(2) tal-Kodici Kriminali ezentat lix-xhud Tiffany Perry milli tixhed fil-konfront tal-imputat.

Sussegwentement, l-avukat difensur tal-parte civile Sylvia Perry prezenti fl-awla, iddikjara li l-istess parte civile qed taghti l-kunsens taghha sabiex l-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2) u hamsa (5) jigu rtirati mill-Prosekuzzjoni. Di piu l-avukat difensur ghan-nom ta Sylvia Perry iddikjara li gie spjegat lill-parte civile Sylvia Perry il-konsegwenzi tal-irtirar ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet.

L-Ufficjal Prosekutur qed jiddikjara illi, in vista ta' dak dikjarat mill-parti lesa, qed jiddikjara li qieghed formalment jirtira l-ewwel (1), it-tieni (2), u l-hames (5) imputazzjoni.

L-Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll li l-provi tal-prosekuzzjoni huma maghluqa.

F'dan l-istadju, l-imputat qed irregistra ammissjoni ghat-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bis-serjeta tal-ammissjoni tieghu u spjegatlu li l-massimu tal-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ta' mija u sittax il-Euro u sitta u erbgin centezmu (€116.46) u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb ghat-tielet u r-raba imputazzjonijiet dedotti kontrih huwa wiegeb li hu hati

Il-Qorti semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat Luke Vella hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

L-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet gew formalment irtirati mill-Prosekuzzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni taghhom.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar l-imputazzjonijiet numri sitta, seba' u tmienja, u dwar l-addebitu tar-recidiva, u ghaldaqstant, l-imputat ma jistghax jinstab hati taghhom.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-imputat gie misjub hati biss tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li huma ta' natura kontravenzjonali.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-partijiet civile ma xtaqux li dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat jitkomplew, stante li Tiffany Perry qed tistenna tarbija mir-relazzjoni taghha mal-imputat, u din it-tarbija ghanda titwieled fi zmien xahar iehor. Sylvia Perry, li tigi omm Tiffany, ukoll xtaqet li bintha u l-imputat ikun irrikonciljaw sakemm it-tarbija titwieled, u li l-incident li nqala' bejniethom ma jhassarx il-ferh tal-avveniment tant specjali tat-twelid tat-tarbija.

Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tosservax il-fedina penali tal-imputat ma hija xejn felici. Minkejja l-eta relattivament zghira tieghu, huwa diga ghandu sitt kundanni minn dawn il-Qrati, ghal numru sostanzjali ta' reati ta' serq aggravat, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, ksur tal-ligijiet taz-zamma tal-armi, pussess semplici tad-droga, zewg kundanni talli ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq ufficjal tal-Pulizija. Huwa inghata, *inter alia*, zewg sentenzi sospizi, kif ukoll piena ta' prigunerija effettiva.

Ghalhekk, tenut kont tal-antecedenti tal-imputat, il-Qorti hija tal-opinjoni li ikun idoneo, li apparti li tinfliggi piena, timponi garanzija personali fuq l-imputat, sabiex tissalvagwardja is-sigurta tal-partijiet civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2) u hamsa (5), stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-proceduri;

2. Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet numru sitta (6), seba' (7) u tmienja (8) kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva, u ghaldaqstant qed tilliberah minnhom;

3. Wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' hlas ta' ammenda ta' mitt Euro (€100.00).

4. Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Sylvia Perry u Tiffany Perry, qieghda torbot lill-hati ghal zmien sena (1) mil-lum b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2000.00).

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**